



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

17.4.2012

0017/2012

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-edukazzjoni u d-diskriminazzjoni reliġjuża fil-Pakistan

**Elmar Brok, Margrete Auken, Ryszard Czarnecki, Cornelis de Jong,
Kristiina Ojuland**

Data ta' skadenza: 17.7.2012

0017/2012

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-edukazzjoni u d-diskriminazzjoni reliġjuża fil-Pakistan

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-Pakistan, b'mod partikolari dik tal-20 ta' Mejju 2010 dwar il-libertà reliġjuża fil-Pakistan,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin, b'mod partikulari dik tas-20 ta' Jannar 2011,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2009 dwar il-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi riforma tal-edukazzjoni biex jiġu inkorporati t-temi tat-tolleranza reliġjuża hija kritika għall-iżvilupp ta' soċjetà Pakistana tolleranti li tagħti valur lil-libertà reliġjuża u d-diversità reliġjuża għaċċ-ċittadini kollha tagħha;
 - B. billi l-Liġi dwar id-Dagħha hija eżempju ta' intolleranza reliġjuża;
 - C. billi t-tolleranza soċjali tal-minoranzi reliġjużi fil-Pakistan hija baxxa ħafna;
1. Jistieden lill-Gvern tal-Pakistan biex ineħħi l-kontenut pegħġorattiv mill-Kostituzzjoni tal-1973 u biex iħeġġeġ b'mod attiv l-implementazzjoni sħiħa tar-riforma kurrikulari tal-2006;
 2. Jistieden lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jiffukaw fuq id-drittijiet kostituzzjonali tal-minoranzi reliġjużi u biex jappoġġaw ir-rispett lejn l-istandardi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Gvern tal-Pakistan, lill-Istati Membri tal-UE, lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli.